Ja Wied Abbas dawk mewġek,
ħfief igħaddu bħalma jgħaddu ħsibijieti,
u siekta jixbhu
l-ħsieb moħbi ta' qalb qalıla thewden
li d-deni tħallsu b'deni.
Kemm ġnus tad-dinja ġew fil-gliegel tiegħek
jisqu lill-iġmla ? --
Iżjed mill-weraq tax-xtut tiegħek f'ħarifa.

Jalla l-mewġ tiegħek kiebi,
iswed bħal-linka jmur l-mewt iħabbar
fuq l-ibħra kollha;
jalla l-ixtut ta' ward u r-ramliet tiegħek
irejħu saħta, intiena,
bejta ta' sriep ikunu jekk il-ġawhra
tal-baħbuħ dehbi
ta' Maħnat (1) ma tiftaħx qalbha għal tnehidi.

Ja żiffa, żiffa ċkejkna,
wassal mal-fwieħa tar-rebbiegħa tnehidi
sa qalb Żulejma
u għidilha li Bin Żafer qiegħed f'telfa;
għidilha wkoll li l-għajta
tiegħu wisq aqwa mill-ħoss tal-fawwara,
minn dik ta' l-ajkli,
minn dik ta' mitt miġruħ f'iġbla qalb l-isqra.

A. Cremona

---

(1) *Maħnat.* Isem ta' nisel Feniċ mogħti lil Paliermu.

# Innu lil Sidtna Marija tal-Għar

## (FIL-KUNVENT TA' S. DUMINKU TAR-RABAT)

Bħalma tfajjel bil-fehma li jaqla'
Jitlob xewqtu lil ommu fid-dar,
Aħna, wliedek li nemmnu fi Mħabbtek,
Niġu għandek, Madonna tal-Għar,

Għaliex nafu, o Marija, li jinbet
Ward il-Ħajr kull fejn jirfsu riġlejk,
U Ħajr tfisser id-daħka ta' fommok,
Ħlewwa tfisser il-ħarsa t'għajnejk.

* * *

Meta xebba fil-għar minn ta' Betlem
Int sirt omm bla ma tlift l-ewwel ġieħ,
U sar ibnek dak Alla li ħalqek,
U rawk l-anġli demm sidrek tagħtih,

F'nofs ta' lejl kollu dija ta' kwiekeb
Stama' l-leħen ta' ħajr is-Smewwiet,
U fuq l-għera li nisslet il-ħtija
Ta' Riżq Alla ġew l-ogħna ħlewwiet.

* * *

U qatt iżjed, Omm ħelwa Marija,
Ta' ħninietek ma nixfet il-għajn :
Kull min emmen u talab u tama
Sab ta' mħabbtek miftuħa d-dirgħajn :

Tixhdu Lourdes, jixhdu l-Għar fejn tas-Saħħa
Fawwar l-ilma mill-iebes ta' l-art,
Fejn ta' qalbek ftaħt beraħ is-satra,
Fejn it-Tempju tal-Għaġeb sawwart.

* * *

Għalhekk aħna li nafu kemm Alla
Ried iżejnek bil-qawwa, bil-ġieħ,
Biex minn idek fuq ġensna jitqassam
Tal-Ġid tiegħu kull għoti sabiħ,

Qalb in-niket ta' ħajja bla faraġ,
F'din is-siegħa ta' biki, ta' mrar,
B'emmna sħiħa li titlob u titma
Niġu għandek, Madonna tal-Għar.

Dun Karm.